MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Numru 13/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Mario Borg**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fl-14 ta' Gunju 2006 kontra Mario Borg li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli (1) importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga

sabiex tista’ tigi importata medicina perikoluza (eroina) kontra l-ligi, (2) assocja ruhu ma’ persuni ohra f’Malta u ma’ persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f’Malta kontra l-ligi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni; (3) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina kontra l-ligi, u taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-16 ta’ Jannar 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih bi tmien (8) voti favur u b’vot wiehed (1) kontra sabu lill-imsemmi Mario Borg hati ta’ l-Ewwel u tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza u b’seba’ (7) voti favur u b’zewg (2) voti kontra sabuh hati tat-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza, iddikjarat lill-istess Mario Borg hati:

(1) talli bejn Frar u l-hmistax ta’April, elfejn u tlieta (2003), importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi importata medicina perikoluza (eroina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe` meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

(2) talli bejn Frar 2003 u April 2003, assocja ruhu ma’ persuni ohra f’Malta ma’ persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra (eroina) f’Malta bi ksur tad- disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

(3) talli bejn Frar 2003 u April 2003, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina li ghaliha tapplika t-Taqsima V ta’ l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939

(Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9), ikkundannat lill-hati Mario Borg ghall-piena ta' wiehed u ghoxrin (21) sena prigunerija, b'dana li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll multa ta' sebghin elf euro (€70,000) li jekk ma jithallsux minnufih jigu konvertiti awtomatikament f'sentejn ohra prigunerija u li jhallas is-somma ta' tlett elef, mitejn u tliet euro u tlieta u sittin centezmi (€3,203.63) import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ewwel Qorti ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-hati, kif ukoll ordnat id-distruzzjoni tal-istess droga esebita a kura tad-Deputat Registratur ta' dik il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm, fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata l-Avukat Generali b'nota ma jinfurmax lil dik il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra terzi, u b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirrapporta b'verbal lil dik il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta. Fl-ahharnett l-ewwel Qorti ordnat li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi

zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi;

4. Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u ezaminata mid-difiza, rat il-verbal ta' l-istess jum fejn il-prosekuzzjoni u d-difiza qablu li ghall-fini tal-piena r-reat taht l-Ewwel u t-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza ghandhom jigu assorbiti fir-reat taht it-Tielet Kap u dana peress li servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat taht it-Tielet Kap kif jiddisponi l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, u qieset is-segwenti:

**"Qieset is-sottomissjonijiet tad-difiza dwar il-piena li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti:-**

**1. li jekk wiehed kellu jannalizza l-verdett ma kienx possibbli li wiehed ikun jaf jekk il-gurati sabux htija fl-akkuzat fir-rigward taz-zewg episodji li fihom iddahlet id-droga f'Malta jew f'episodju wiehed biss u meta wiehed iqis li dwar it-tieni episodju ma kienx hemm provi fil-process, wiehed jista' jassumi li x'aktarx sabuh hati in konnessjoni ma l-ewwel episodju biss;**
**2. li l-fedina penali tal-hati kienet wahda netta hlief li darba nstab hati li saq vettura minghajr ma libes is-"seat belt";**
**3. illi ghalkemm kien veru li z-zewg nisa Torok kienu ammettew mal-ewwel u allura wiehed jistenna li kellhom jibbenefikaw minn dan fil-piena, huma wehlu tlettax-il sena prigunerija kull wahda minnhom u multa ta' ghoxrin elf lira Maltin u ghalhekk il-hati kellu jircievi piena relattivament proporzjonali ghal dik li ircevew it-Torok u ghalhekk il-hati ma kellux jigi penalizzat izzejjed ghax ezercita d-dritt tieghu li jghaddi guri biex jikkontesta l-akkuzi dedotti kontra tieghu w il-fatt illi hadilhom il-porog liz-zewg nisa ma jfissirx illi huwa kien b'xi mod responsabbli ghal dak li dawn iz-zewg nisa setghu gew assoggettati ghalih gewwa t-Turkija. Li hu zgur li dawn iz-zewg nisa gew Malta biex ikunu jistghu jithallsu;**

**4. illi ghandu wkoll ikun hemm l-assorbiment ghall-fini ta' piena tar-reati fl-ewwel zewg kapi fir-reat li tieghu instabet htija taht it-tielet kap;**
**5. illi jekk stess dawn iz-zewg nisa Torok, kif kien qed jallega l-prosekutur, kienu gew sfruttati minn xi persuni fit-Turkija li baghtuhom bid-droga f'Malta, il-hati ma kellu ebda kontroll fuq dan.**

**"L-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara invece ssottometta li :**

**1. ma setax isir paragun bejn il-piena li nghatat liz-zewg nisa Torok li l-gurati semghu kif kienu gew sfruttati w dik tal-hati li kien il-percimes li minhabba fih saret l-operazzjoni tal-importazzjoni tad-droga f'Malta w li minnha ghamel u kien se jaghmel profitt kbir marbut mal-ammont sostanzjali tad-droga importata;**
**2. illi hawn si trattava tad-droga eroina li kulhadd jaf li ggib konsegwenzi serjissimi fis-socjeta` Maltija;**
**3. li l-verdett f'zewg kapi tal-Att tal-Akkuza kien ta' tmienja kontra wiehed u cioe` verdett kwazi unanimu;**
**4. li ma kien hemm xejn fil-fedina penali tal-hati ghaliex kieku ma kixfuhx iz-zewg nisa Torok hadd ma kien ikun jaf x'qed jaghmel u l-fedina penali tieghu kienet tibqa' netta;**
**5. dawn in-nisa Torok kienu ghinu lill-Pulizija meta nqabdu u ammettew malli dehru quddiem il-Qorti w ghalhekk ibbenefikaw mill-piena li nghataw. Imma jekk dawn iz-zewg nisa sfruttati nghataw piena ta' tlettax-il sena prigunerija w gew ikkundannati jhallsu multa ta' ghoxrin elf lira kull wahda minnhom, kemm kellha tkun akbar il-piena tal-hati li kien l-ideatur biex tinholoq din is-sitwazzjoni? – staqsa l-prosekutur;**
**6. ghalhekk kien il-kaz li l-piena li kellha tinghata lill-hati kellha tkun estremament serja biex taghti messagg lis-socjeta` li dawn l-affarijiet m'ghandhomx isiru.**

**"Ikkonsidrat:**

**"Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi jekk ghandu jsir xi paragun bejn il-piena li giet erogata fil-konfront tal-kurriera nisa u dik li issa trid tigi erogata fil-konfront tal-hati, dan il-paragun jista' jwassal biss biex dik tal-hati tkun piena markatament akbar minn dik tal-kurriera u dan ghaliex fil-fehma ta' din il-Qorti l-beneficcju li rrikava jew kien ser jirrikava l-hati bhala n-negozjant importatur tad-droga kien ser ikun zgur ferm akbar minn dak mizeru li rrizulta li thallas liz-zewg nisa kurriera. F'kull kaz dawk iz-zewg nisa nghataw il-piena li nghataw minhabba l-fatt li huma kkoperaw bis-shih mal-Pulizija w addirittura ammettew reati in konnessjoni ma' l-ewwel konsenja li l-Pulizija ma kellha ebda hjiel taghhom kieku m'ammettewx huma. Invece l-hati ma kkoopera b'ebda mod ma' l-investigaturi w ghamel minn kollox biex jiddizassocja ruhu miz-zewg nisa li kkonsenjawlu d-droga tant li baqa' jghid li ma kienx jafhom.**

**"Illi jidher li f'dan il-kaz il-hati kien involut f'operazzjoni ta' traffikar ta' droga eroina fi kwantita` sostanzjali li kienet ser iggib herba fost il-vittmi ta' din id-droga fil-pajjiz. Ghalhekk il-piena trid tkun wahda li tirrifletti serjament il-gravita` tar-reati anki in relazzjoni ma' sentenzi ohra li erogat din il-Qorti f'kazijiet analogi biex kemm jista' jkun, ikun hemm uniformita` fl-erogazzjoni tal-piena.**

**5.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Mario Borgipprezentat fis-6 ta' Frar 2008 fejn talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikancella l-verdett tal-gurati, kif ukoll thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Qorti Kriminali, u minflok tordna li jigu registrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni minn kull htija u piena, jew alternattivament, tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-istess f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena erogata billi tinfliggi piena aktar miti, ekwa u gusta ghall-kaz; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li fil-kors tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti kien hemm irregolarita` billi kien hemm applikazzjoni jew

interpretazzjoni skorretta tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett; (2) li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza; (3) li l-piena nflitta kienet wahda manifestament eccessiva, sproporzjonata u gravuza u li zgur ma taghmilx tajjeb ghall-fatti partikolari tal-kaz odjern. Dawn se jigu kkunsidrati *seriatim*.

**7.** Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jghid illi jhossu aggravat mill-fatt illi fil-kors tal-indirizz tieghu lill-gurati, "l-Imhallef sedenti naqas bl-aktar mod manifest milli jottempera ruhu mal-obbligi fuqu imposti mill-artikolu 639(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta" li jipprovdi: **"Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat."** Skond l-appellant, l-unici zewg xhieda kontra tieghu kienu z-zewg nisa Torok Meryem Kandemiri Nilgum u Kucuk Melek, iz-zewg nisa Torok li importaw id-droga, u li kienu allura komplici u ghalhekk mehtiega d-direttiva a tenur ta' l-imsemmi artikolu 639(3).

**8.** Din il-Qorti tghid mill-ewwel li dwar l-ewwel aggravju l-appellant assolutament m'ghandux ragun, kif jidher mis-segwenti brani fl-indirizz:

"Dak li qalu u qed jammettu naturalment jigu jew awturi jew ko-awturi jew addirittura komplici f'dak li issa qed jigi akkuzat bih l-akkuzat. Issa r-regola fejn ikollok bniedem li huwa mcappas u qed jixhed fuq haddiehor, li allura se jigi mcappas bl-istess delitt hija din. Tistghu toqoghdu fuqha dik ix-xiehda intom pero` tridu toqoghdu attenti hafna u tuzaw kawtela. Mhux jigifieri ma temmnuhiex. Ghax il-ligi tghidilkom tistghu toqoghdu fuqha u tistghu taccettawha u tistghu temnuha u tistghu anke ssibu htija fuqha u fuqha biss. Anke jekk ma jkunx hemm provi ohra. Pero` tridu tuzaw kawtela kbira. Jigifieri tqisu, taraw kif xehdu, issa nigu ghaliha dik, tax-xiehda, taraw jekk ghandhomx affidabilita`, tistghux toqoghdu fuqhom, u meta tiddeciedi li toqghod fuqhom trid tkun arci-cert li dawn mhux qed jigdbu jew inkella mhux qed ifarfru minn fuq spallejhom

biex jitfghuha fuq xi hadd iehor li huwa involut maghhom…. U allura [l-ligi] titlob li l-Imhallef jindirizza lill-gurati f'dan is-sens, li jifthilhom ghajnejhom illi meta inti ghandek xhieda ta' ko-awtur, jigifieri li kien qed jaghmel id-delitt mieghek jew komplici mieghek…. Mela allura wiehed irid jevalwa x-xiehda taghhom b'kawtela kbira. Nerga' nghid mhux ma temmnuhomx ghax il-ligi anzi tippermettilek li temminhom u li toqghod fuqhom u fuqhom biss jekk trid. Imma tridu tuzaw prudenza qawwija kbira qabel ma tiddeciedu li se toqoghdu fuqhom. Jekk ikollok, m'hemmx raguni assolutament ghaliex ma temmnuhomx, ghax taraw kif xehdu, taraw il-mod kif iddeportaw ruhhom hawn. U tghidu 'isma', jien jidhirli li dawn ghandhom jitwemmnu dawn ghax ma ghandix dubju li qed jghidu l-verita`'. Ghandkom kull dritt pero` dejjem uzaw din il-kawtela."[1]

….

"Dejjem pero`, tridu zzommu f'raskom illi sija dak li qalet hawn mill-memorja, dawk iz-zewg xhieda, dak li qalu hawnhekk mill-memorja, sija dak li qalu lill-Ispettur u mbaghad ikkonfermawh bil-gurament, huwa dejjem xiehda jew stqarrija guramentata tal-komplici jew ta' ko-awtur. U allura intom tridu tivvalutawh bil-kawtela kollha li titlob il-ligi. Jigifieri qabel ma tghidu: 'Iva ha nemminha lil din u iva se nemmen lill-ohra', tridu tkunu attenti u kawti hafna."[2]

….

"Jigifieri l-mod kif saret l-*identification parade* araw intom jekk fuq li smajtu hemmx xi haga li jidhrilkom hija rregolari. Legalment ha nghidilkom minn issa li ma kien hemm xejn li sar kontra l-ligi, jigifieri…. Imma jien obbligat nghidilkom illi anki hawn intom, kieku kien il-kaz li qed jikkontestaw iktar, imma f'kull kaz tridu tkunu kawti u attenti u taghmlu *allowance* ghal xi zball li setghu hadu…. Pero` anke hawn se nghidilkom kif ghidtilkom tridu toqoghdu kawti meta

---

[1] Traskrizzjoni ta' l-indirizz pagna 10.
[2] *Ibidem* pagna 11.

intom tqisu x-xhud u xiehda ta’ komplici jew ta’ ko-awtur, anki meta jkun hemm si tratta ta’ *identification* ta’ persuna li dak li jkun ma jafhiex imma jista’ jaghrafha.”[3]

….

“Imbaghad ghidtilkom ukoll, gbidtilkom l-attenzjoni taghkom kemm tridu toqoghdu kawti b’mod partikolari meta x-xhieda kif inhu f’dan il-kaz ikunu zewg xhieda li kienu huma wkoll involuti fid-delitti ghax hu qed jimporta dawn qed igibulu biex jimporta. Mela qeghdin komplici jew ko-awturi mieghu insomma. U allura l-Qorti trid ittikom kawtela, kif tatkom diga`, li tivvalutaw dik ix-xiehda b’certa metikolozita`, b’certa attenzjoni. Mhux ma temmnuhiex nerga’ nghid imma mhux hekk, tehduha qisha *for granted*.”[4]

Jigifieri l-ewwel Qorti osservat skrupolozament dak li jipprovdi l-artikolu 639(3) imsemmi. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

**9.** Bit-tieni aggravju l-appellant isostni li nstab hati hazin fuq il-fatti. Jghid li minkejja li l-Att ta’ Akkuza jikkontjeni tliet Kapi b’reat wiehed f’kull Kap mhux fil-forma kontinwata, kull Kap jittratta zewg episodji partikolari, zewg kunsinni ta’ allegata droga minn zewg nisa Torok, wahda li saret f’Marzu 2003 u ohra f’April 2003. Kien ghalhekk, skond l-appellant, li sabiex tissejjes il-htija tieghu, kellu jigi ppruvat illi f’kull wahda minn dawn iz-zewg okkazjonijiet kienu jezistu l-elementi kollha tar-reati migjuba kontra tieghu. Fil-fehma ta’ l-appellant, ix-xenarju li jirrizulta mill-provi huwa s-segwenti:

“(i) Illi dwar dik li kellha tkun il-kunsinna ta’ droga eroina li effettivament giet maqbuda mill-Pulizija (u cioe` l-kapsoli li ddahhlu Malta f’April 2003), ma ngieb quddiem il-gurati lanqas l-icken dell ta’ prova jew imqar indizju illi b’xi mod remot kemm hu remot jorbot lill-esponent ma’ dik l-operazzjoni ta’ traffikar u/jew importazzjoni ta’ dik id-droga

[3] *Ibidem* pagna 14.
[4] *Ibidem* pagna 41.

eroina. Tabilhaqq kollox jindika illi fil-fatt id-droga eroina li dahhlu maghhom kienet effettivament intiza ghal terza persuna li l-identita` taghha baqghet mistura minhabba l-fatt illi l-pulizija intervjeniet qabel ma sar il-kuntatt man-nisa Torok. Anki l-prosekuzzjoni stess kienet tikkondividi dan il-hsieb, tant illi fil-kors tal-guri kienet stiednet lill-gurati illi sabiex jikkonkludu illi l-esponent kien involut f'dak li sehh jew li kien ser isehh f'April 2003 huma kellhom jaraw x'kien gara xahar qabel f'Marzu, jaghmlu paragun tal-akkadut u jekk dan kien simili ghal dak li sehh f'April 2003 allura per konsegwenza dan kien ifisser ukoll illi d-destinatarju ta' din id-droga misjuba kellu necessarjament ikun l-esponent. Ovvjament tali ragunament m'ghandu xejn mil-logiku u bl-akbar rispett ghandu jigi kompletament skartat bhala xejn ghajr kongettura. Anki kieku wiehed kellu jistrieh interament fuq x'qalu it-Torok dwar x'gara xahar qabel f'Marzu 2003, dan zgur li b'ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jservi bhala bazi ta' decizjoni dwar dak li suppost kellu jigri xahar wara f'April 2003. Dan dejjem apparti l-fatt illi tabilhaqq quddiem il-gurati ngiebu provi jew indizji illi kienu se mai juru mqar sal-grad tal-probabbli illi in effetti d-droga eroina misjuba f'April 2003 kienet intiza ghal destinatarju iehor u zgur li mhux l-esponent;

"(ii) Dwar dak li stqarru z-zewg Torok li sehh meta huma kienu gew Malta f'Marzu 2003, l-esponent jirrileva illi anki jekk in pessima ipotezi din il-verzjoni tal-fatti tigi emnuta, xorta wahda ma tirrizultax il-htija tal-esponent skond l-Att ta' Akkuza migjub fil-konfront tal-esponent u dan ghaliex ma hemm l-ebda prova oggettiva u konkreta dwar x'kien il-kontenut tal-kapsoli li allegatament iz-zewg Torok ghaddew lill-esponent. Tabilhaqq l-esponent jaghmel enfazi illi effettivament mill-provi mressqa quddiem il-gurati hemm dubju serju u gravi dwar kemm il-kontenut tal-kapsoli allegatament importati f'Marzu 2003 kienx fil-fatt eroina kif allegat mill-Avukat Generali fl-Att ta' Akkuza. Mhux hekk biss izda ghal darb'ohra jirrizulta mix-xiehda taz-zewg nisa Torok illi probabilment il-kontenut tal-kapsoli zgur li ma kienx eroina jew kokaina, bil-konsegwenza illi element essenzjali tat-tliet Kapi tal-Att ta' Akkuza baqa' mhux ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi."

**10.** It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Ghalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-gurati, ben indirizzati, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li effettivament waslu ghaliha[5]. In ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u ezaminat ukoll id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi u jaraw jaghtux affidament lill-verzjoni ta' l-appellant jew dik taz-zewg nisa Torok Kandemir Meryem Nilgum u Kucuk Melek. Il-gurati kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, u jidher li waslu ghall-konkluzjoni li ma jaghtux affidament ghall-verzjoni li l-appellant ta fl-istqarrija tieghu.

**11.** Din il-Qorti tara li l-ewwel punt li kellhom jiddeciedu l-gurati kien jekk effettivament l-imsemmijin zewg nisa Torok kinux ghamlu kuntatt ma' l-appellant f'Marzu 2003. Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija l-appellant cahad li jaf lil

---

[5] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

dawn iz-zewg nisa, cahad li jaf lill-persuni li dawn in-nisa semmew fit-Turkija, u cahad li rcieva telefonati mit-Turkija jew li ghamel telefonati lit-Turkija. Mill-banda l-ohra Kandemir Meryem Nilgum u Kucuk Melek identifikaw lill-appellant bhala l-persuna li mieghu kellhom kuntatt f'Marzu 2003 – Nilgum li rceviet minghandu ikel, ingwanti, dizinfettant u porga, u Melek li taghtu kapsoli li kienu importaw f'Malta go l-istonku taghhom. Hemm diversi fatti li jaghtu kredibilita` lil dawn iz-zewg nisa dwar l-identifikazzjoni ta' l-appellant:

- L-ewwel inkontru kien ma' Nilgum fit-3 ta' Marzu 2003 ghall-habta ta' 12.00 p.m. – mela fid-dawl tax-xemx. Meta harget mil-lukanda, ragel ghajtilha b'isimha minn warajha. Kien qieghed jitkellem fuq il-*mobile* u qallha titkellem ma' min kien qieghed jitkellem. Sabet li kien certu Kamil, li kienet belghet il-kapsoli fid-dar tieghu gewwa t-Turkija, u li qallha li r-ragel li kienet iltaqghet mieghu kien se jgibilha ikel, par ingwanti, dizinfettant u sinecod. Ir-ragel allontana ruhu filwaqt illi hi baqghet fil-karozza tieghu (bajda) fejn kien hemm tfajla Azjatika. Wara ftit dak ir-ragel irritorna u taha l-oggetti msemmija.
- Melek iltaqghet ma' ragel darbtejn, fl-4 ta' Marzu 2003 ghall-habta ta' l-4.00 p.m. u fil-5 ta' Marzu 2003 bil-lejl, sabiex tikkonsenjalu l-kapsoli. It-tieni darba li ltaqghet mieghu kien akkompanjat minn mara Azjatika. Id-darbtejn li ltaqghet mieghu kien f'karozza bajda Ford b'erba' bibien.
- Mill-istqarrija ta' l-appellant jidher li huwa fil-fatt juza Ford Escort bajda b'erba' bibien u li l-mara tieghu hi ta' nazzjonalita` Tajlandiza.
- Meta Nilgum u Melek gew arrestati fl-14 ta' April 2003, gew separatament murija diversi ritratti u identifikaw lill-appellant bhala l-persuna li kienu ltaqghu maghha. Tali identifikazzjoni mhijiex inverosimili stante l-mod, zmien u hin ta' l-inkontri.
- Saru *identification parades* taht il-kontroll tal-Magistrat Inkwirenti u Nilgum u Melek, separatament, identifikaw lill-appellant.
- Kemm meta xehdu waqt l-Istruttorja kif ukoll meta xehdu waqt il-guri, identifikaw lill-appellant bla ezitazzjoni.

Ghalhekk il-gurati setghu ragjonevolment jikkonkludu li l-persuna li mieghu kienu ltaqghu Nilgum u Melek f'Marzu 2003 u li lilha kienu gew ikkonsenjati l-kapsoli li kienu mportaw kien l-appellant.

**12.** Stabbilit dan, kellu jigi determinat mill-gurati x'kienu jikkontjenu l-kapsoli kkonsenjati lill-appellant u jekk l-appellant kellux x'jaqsam mal-konsenja ta' April 2003 li giet intercettata mill-Pulizija u li nstab li kienet tikkonsisti f'eroina – skond ir-relazzjoni ta' Godwin Sammut, 816.06 grammi ta' purita` ta' cirka 47%.

**13.** L-appellant jissuggerixxi li dak li ngab f'Marzu 2003 ma setax ikun la eroina u lanqas kokaina izda cannabis. Dan jghidu ghax fl-istqarrija taghha Kucuk Melek tghid li meta saqsiet lil certu Rocky – li allegatament kien hu li offrielha li taghmel din il-bicca xoghol l-ewwel darba – x'kien hemm fil-kapsoli, dan qallha li kien biss "smoke", referenza ghall-cannabis. Jinghad mill-ewwel li fl-esperjenza ta' din il-Qorti u minn studji u rapporti varji, jirrizulta illi d-drogi li jigu trasportati minn *"drug mules"* f'kapsoli li jinbelghu minnhom jew li jiddahhlu f'kavitajiet ohra tal-gisem huma l-eroina u l-kokaina, u f'xi kazijiet anke l-ecstasy[6]. Mhuwiex finanzjarjament vijabbli ghat-traffikant li l-cannabis jigi trasportat b'dan il-mod. Di piu`, it-Turkija hija meqjusa bhala *"a key transit route"* ghall-eroina ghal go l-Ewropa.[7] Ghalhekk huwa inverosimili illi dak li gie trasportat f'Marzu 2003 kien cannabis.

---

[6] Low, VHS; Dillon, EK (October 2005). "Agony of the ecstasy: Report of five cases of MDMA smuggling".

[7] Ara, per ezempju: https://www.cia.gov/library/publications/the-world-factbook/fields/2086.html; http://www.cedro-uva.org/lib/boekhout.drug.html; http://www.emcdda.europa.eu/html.cfm/index64313EN.html; http://www.emcdda.europa.eu/attachements.cfm/att_37244_EN_ar2006-en.pdf.

**14.** Issa, mill-provi jirrizulta illi Nilgum u Melek importaw l-eroina f'April 2003, u din kienet it-tieni darba li gew Malta. Mic-cirkostanzi kif rakkontati minnhom waqt il-guri jidher illi kienu mgeghlin jirritornaw f'April peress illi f'Marzu Melek kienet tilfet kwazi l-kapsoli kollha li kellha fl-istonku taghha meta rregettathom fuq l-ajruplan. Qed issir referenza fl-ewwel lok ghas-segwenti brani tax-xiehda ta' Nilgum:

"Pros: Then what happened again? You were spoken to by somebody else again to come to Malta?
Xhud: They were speaking, they were asking and we refuse. And they say you have to do again and we refuse.[8]
....
Xhud: No. That time, that person, till we go there, to that day, he still calling her and saying to her 'last time you thrown in the airline and we didn't charge you, we didn't give you things, and you should have to do again to give back us our ....
Qorti: Yes, yes, so let me explain what you have just said. These people in Turkey were telling your friend that last time because you felt sick on the aeroplane, and you threw some of the capsules out, you did not deliver everything.
Xhud: Yes.
Qorti: So now you have to go back and make up for the shortfall by delivering again. That is what you are saying?
Xhud: Yes.
Qorti: I am explaining what you have said that and what you are saying there.
Xhud: And then, your honour, I am mother. Now my son is seventeen years old. He was just thirteen and they say they know me, my family, she and her family and if we do some things we go into, we have to stay or either they have to beg us and harm us and we have to obey and they have to release us.[9]
....

[8] Traskrizzjoni tax-xiehda ta' Kandemir Meryem Nilgum, pagna 8.
[9] *Ibidem* pagna 13.

T: After we were informed that the Maltese male subject had arrived back in his country on the 10th April 2003. the flight ticket was provided free from Kamil. It was Sunday the 13th of April.
Xhud It wasn't true. Becasue we paid the flighticket. It wasn't free from them. Everything we pay. What we get, we pay also our travelling."[10]

Ix-xiehda ta' Kucuk Melek hi fl-istess sens:

"Xhud: When we go back to Turkey, the Rocky he contact again and he start phoning and he say 'what happened before the remaining drugs?' And I tell him. 'I get vomitting for the flight and for the cabin. First they don't believe me. And they come too much to me. They start speaking a lot of things and I say 'it's true'. And I miscarriage, I scared, because in a lot of things and he told, every day nearly he starts phoning. I close, most of time my phone. Because they pushing us, we have to come back again.
Pros: To compensate for the ones you had.
Xhud: Yes because when I vomitted, I have to do it again this job, because I don't bring what I have to bring here.
....
Pros: So you hadn't, they were saying that you had not delivered the full amount.
Xhud: Yes.
Pros: So you had to go back to give the balance to him.
Xhud: To the guy."[11]

**15.** Indubitament, persuna li tkun qed tistenna ammont ta' droga u ma jigix konsenjat l-ammont kollu, jippretendi li jircievi dak kollu mistenni. U m'hemm xejn illogiku fil-fatt li s-*supplier* igieghel lill-*courier* li jkun naqas milli jwassal id-droga kollha biex jerga' jiehu r-riskju hu. Jigifieri minn dak li xehdu Nilgum u Melek, il-gurati setghu ragjonevolment jikkonkludu li dak li kienu importaw dawn Nilgum u Melek f'Marzu 2003 kienet ukoll eroina. U fid-dawl tal-

[10] *Ibidem* pagna 14 – 15.
[11] *Ibidem* pagni 28 – 29.

konsiderazzjonijiet li din il-Qorti ghamlet fil-paragrafu numru tlettax (13), din il-Qorti hi konvinta li dik kienet l-unika konkluzjoni li setghu jaslu ghaliha. Ghalhekk lanqas ma tista' titqies kongettura li l-gurati jikkonkludu li d-droga f'April kienet se tigi konsenjata lill-appellant. Fil-fatt Kucuk Melek tghid:

"Pros: So you had to go back to give the balance to him.
Xhud: To the guy."[12]
....

U b'referenza ghall-istqarrija taghha meta qalet li cemplet lit-tfajla ta' Kamil fit-Turkija biex tghidilha li setghet tikkuntattja *"the male subject to collect the capsules"*:

"Pros: What did you understand by the male subject?
Xhud: I don't understand the question.
Pros: You are referring to the male subject. Who were they referring to?
Xhud: The male subject? For him.
Qorti: The witness is pointing to the accused when she says for him."

L-appellant jissuggerixxi li f'April 2003 id-droga ma kinitx ghalih peress illi n-nisa Torok jghidu li kienet ghal persuna li kienet mititilha missierha u kellha tmur lura f'pajjizha, u ghalhekk il-partenza taghhom ghal Malta kellha tigi posposta. L-appellant jghid li missieru ghadu haj. Dak li tixhed Kucuk Melek pero` huwa dan:

"And they give a date actually before and they always coming. And after they had to say they had to change the date, I don't really really remember the things. But they say one of guys, that I am not sure, Libyan or foreigner, is working with him. And he is supposed to go back in his country before his father died. So they want the contact for the guys, the other guys."[13]

---

[12] *Ibidem*.
[13] *Ibidem* pagna 29.

Apparti li dan jista' jitqies biss bhala *hearsay*, dak li Melek qalet li qalulha hu li missier il-barrani kien miet u mhux missier l-appellant.

**16.** Inoltre l-appellant ma jirreferix, u ghalhekk donnu jipprova jnessi, li fil-15 ta' April 2003 – meta allura kienet se ssir il-konsenja tal-kapsoli bl-eroina – il-Pulizija rawh idur fl-inhawi bil-karozza Escort bajda EAH-282. P.S. 765 Sammy Attard fil-fatt jghid li ra l-karozza xi tliet darbiet, u dan ftit hin biss qabel ma giet arrestata Melek. Ma jidhirx illi l-gurati qiesu verosimili dak li l-appellant jghid fl-istqarrija tieghu li kien mar Paceville biex ifittex persuna li kienet serqitlu l-istereo tal-karozza. Barra minn hekk, il-gurati ma setghux ma nnotawx kif fl-istqarrija l-appellant jichad kull konnessjoni mat-Turkija, izda mbaghad ma jaghtix spjegazzjoni ta' l-ismijiet fuq bicca karta li nstabet fil-karozza tieghu – u li l-appellant fl-istqarrija jammetti li kitibhom hu – u li mix-xiehda ta' l-Ispettur Nezrin Grixti rrizulta li persuna wahda hi Gharbija u l-ohra <u>Torka</u>. Nesa wkoll kif mix-xiehda ta' Nilgum irrizulta li meta harget biex tiltaqa' mal-*"male subject"* fit-3 ta' Marzu 2003 u l-appellant ghajtilha bil-*"passport name"* taghha, huwa kien qieghed jitkellem ma' xi hadd fuq il-*mobile* tieghu u meta ghaddhielha l-*mobile* sabet li fuq il-linja kien hemm Kamil, is-*supplier*, li kien jghix <u>it-Turkija</u> u li kienet marret id-dar tieghu flimkien ma' Melek biex jibilghu l-kapsoli.

**17.** Ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u fid-dawl tal-provi kollha migjuba, l-gurati setghu legalment u ragjonevolment jikkonkludu li l-appellant kien hati ta' l-Ewwel Kap u tat-Tieni Kap kif migjuba kontra tieghu, filwaqt illi dwar it-Tielet Kap, peress illi l-konsenja ta' April 2003 ma kienet waslet f'ebda hin fl-isfera ta' kontroll tieghu, il-gurati ma setghux isibuh hati ta' pussess ta' eroina f'April 2003.

**18.** L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant iqis eccessiva. Jghid illi minhabba li gie akkuzat b'Kapi unici dwar iz-zewg episodji – dak ta' Marzu 2003 u dak ta' April 2003 – huwa gie punit bhallikieku kien hati ghaz-zewg episodji b'mod indiskriminat, u dan minkejja li ma setghetx

tinsab htija fil-konfront tieghu ghall-episodju ta’ April 2003. L-appellant jilmenta wkoll dwar il-konsiderazzjoni ta’ l-ewwel Qorti li l-piena “tal-hati tkun piena markatament akbar minn dik tal-kurriera u dan ghaliex fil-fehma ta’ din il-Qorti l-beneficcju li rrikava jew kien ser jirrikava l-hati bhala n-negozjant importatur tad-droga kien ser ikun zgur ferm akbar minn dak mizeru li rrizulta li thallas liz-zewg nisa kurriera.” L-appellant jghid illi minn imkien ma jirrizulta dak allegat f’dan il-bran, u cioe` li l-appellant kien negozjant importatur tad-droga. Skond l-appellant, l-allegat involviment tieghu kien addirittura izghar minn dak taz-zewg nisa Torok, u se mai jirrizulta li huwa kellu biss jigbor il-kapsoli li ngiebu f’Marzu 2003 fuq struzzjonijiet ta’ haddiehor.

**19.** L-ewwelnett, in materja ta’ piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.[14] Issa, f’dan il-kaz il-kwantita` ta’ droga involuta wahedha turi li ma kinitx intiza ghall-uzu personali ta’ l-appellant. Imbaghad, dak li jissuggerixxi l-appellant li sehemu kien biss li jigbor il-kapsoli ghal haddiehor, hija allegazzjoni li ma ssibx sostenn fil-provi. Forsi nesa wkoll l-appellant li mix-xiehda ta’ Nilgum irrizulta li hu kellu kuntatt dirett mas-*supplier* Kamil fit-Turkija.

**20.** Huwa minnu li, kif konkluz fil-paragrafu 17, l-appellant ma kellux jinstab hati ta’ pussess tad-droga li ddahhlet f’April 2003. Izda l-piena li kien qieghed jiffaccja l-appellant kienet dik ta’ prigunerija ghall-ghomor. Stante li l-verdett ma kienx unanimu, jidher li l-ewwel Qorti pprevalixxiet ruhha mid-diskrezzjoni moghtija lilha mill-*proviso* ta’ l-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi li fejn il-verdett ma jkunx unanimu **“il-qorti tista’ tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas**

[14] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Carmelo Ebejer**, 4 ta’ Novembru 2009; **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67)".** Ghalhekk dan ifisser illi l-piena hija entro l-parametri tal-ligi. Din il-Qorti thares lejn it-traffikar u importazzjoni ta' droga mil-lenti ta' *zero tolerance*. Il-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti kienu korretti. Konsegwentement ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Qorti Kriminali ghal dak li jirrigwarda l-*quantum* tal-piena.

**21.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu (dwar it-Tielet Kap) gie misjub hati ta' pussess "aggravat" fix-xahar ta' April 2003 biss u minflok tiddikjarah mhux hati ta' tali pussess fix-xahar ta' April 2003 u minn dik l-akkuza in kwantu tirrigwarda x-xahar ta' April 2003 tilliberah, izda tikkonferma s-sentenza appellata fl-bqija, b'dan illi l-perijodu ghall-hlas ta' l-ispejjez peritali u l-perijodu biex l-Avukat Generali jiddikjara jekk ghandux bzonn id-droga ghal proceduri ohra jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------